**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Lulju, 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 338/01JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta` estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Concept Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija disgha u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm199.71), kwantu ghal mija tlieta u sebghin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm173.66) "royalty" u sitta u ghoxrin lira Maltija u hames centezmi (Lm26.05) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess royalty dovut bil-**

**quddiem, import tal-fattura datata 31 ta' Lulju, 2000 (Dok.A) in konnessjoni mal-licenzja Nru.011187 (Dok.B) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Bay Mart Supermarket, ghall-perijodu mis-6 ta' Awissu, 2000, sal-5 ta' Awissu, 2001;**

**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relativa sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2001, kif ukoll l-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar, 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rappresentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija disgha u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm199.71) bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Awissu, 2000, sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2001, kif ukoll l-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**